MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 143/2009

**Stuart u Mary Margaret konjugi Graig (ID353144M u 658254M rispettivament)**

**vs**

**Johann Cuschieri**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma Euro 4110.79 (erbat t'elef, mija u ghaxar ewro u disgha u hamsin centezmu), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti danni sofferenti mill-atturi meta l-atturi qatghu u hallsu ghall-biljetti tal-ajru u akkomodazzjoni sabiex jivjaggaw lejn l-Indja, stante li strahu fuqek u fuq id-diversi assigurazzjonijiet tieghek li kont ser tipprokuralhom sad-data tal-partenza taghhom, visa li tippermettilhom li jivvjagaw ghall-Indja, u inti bqajt ma pprokurajtx l-istess

lill-atturi, bil-konsegwenza li minhabba l-agir tighek l-atturi spiccaw fl-impossibilita' legali li jivvjagaw lejn l-Indja u b'hekk tilfu il-pagamenti li ghamlu ghall-passaggi u ghall-akkomodazzjoni taghom, kif ser jigi iktar ampjament ippruvat fil-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-25 ta' Frar 2009, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 10 u fol 11 ibid) u li biha eccepixxa reverentement;

1. Illi l-eccipjent, bhala l-Konslu Onorarju tal-Indja ghal Malta jgawdi mill-immunita' mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 144 cioe' illi bhala funzjonarju jew impjegat konsulari ma jistax jigi pprocessat fil-qrati, dwar dak li jkun ghamel fil-kariga tieghu ufficjali, li jaghmlu sehem mid-dmirijiet ta' funzjonarju konsulari kemm-il darba l-Gvern tieghu ma jkunx talab jew ta l-kunsens tieghu ghal dawk pro'edimenti illi tali talba saret jew kunsens inghata.

2. Illi l-atturi ghandhom jidentifikaw ahjar il-bazi guridika tal-kawza taghhom u jiccaraw jekk l-azzjoni taghhom hijiex bazata fuq kuntratt, u f'kaz affermattiv ghandhom jindikaw il-kuntratt allegat jew fuq delitt, f'liema kax ghandhom jindikaw l-allegat negligenza tal-eccipjent.

3. Illi l-eccipjent qatt ma ta l-assikurazzjonijiet illi donnhom jifformaw il-bazi guridika ta' din l-azzjoni, izda kien sempliciment, u fuq interogattiv f'dan is-sens mill-atturi jew min minnhom, konferma illi tenut kont tal-perjodu lli solitament jghaddi bejn it-talba ghall-hrug ta' visa u l-hrug tieghu, l-atturi kienu fiz-zmien illi jottjenu l-visa lli riedu biex jsiefru.

4. Illi, bhal ma jafu tajjeb l-atturi, kien hemm dewmien imprevist fit-trasmissjoni tad-dokumenti sew minn Malta ghall-Ambaxxata Indjana fi Tripoli kif ukoll fit-trasmissjoni ta' dawn id-dokumenti minn Tripoli ghal Malta. Tali

trasmissjoni kienet giet fdata lid-ditta DHL u skont ma gie riferit ill-eccipjenti, din id-ditta kienet riskontat diffikultajiet fit-trasmissjoni tad-dokumenti kagun maltemp illi hakem l-Ewropa fi Frar. L-atturi kienu f'kuntatt kontinwu mal-eccipjent u ma' din id-ditta (tramite s-sit eletronika taghha) u minn jum ghal iehor kienu konxji ta' dan id-dewmien. Ghalhekk l-istess atturi kienu fi grad jevalutaw indipendentement jekk kellhomx jibqghu jserrhu rashom fuq il-basra originali tal-eccipjent jew kienx hemm lok ghal ripensament minhabba diffikultajiet illi kienu ovvjament inprevedibbli u *force majeur.*

5. Illi l-eccipjent agixxa b'diligenza ta' *bonus paterfamillias* f'dak illi jirrigwarda l-operat tieghu fl-ipprocessar tal-applikazzjonijiet ghall-hrug ta' visa.

6. Illi jidher illi oltre d-dewmien (ghal ragunijiet imprevedibbli) fit-trasmissjoni tad-dokumenti, il-kawza tat-telf subit mill-atturi huwa illi huma ghazlu illi jaghmlu l-prenotazzjonijiet illi ghamlu f'cirkostanzi fejn kienu jafu illi setghu jinkorru tali telf jekk – effettivament gara – jinqala xi kontratemp.

7. Illi jigi rilevat illi fl-applikazzjoni ghall-hrug tal-visa, allura iffirmat mill-atturi, l-applikant huwa avzat biex jiffinalizza l-arrangamenti tieghu ghas-safar biss wara illi jkun ottjena l-visa.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza semghet it-trattazzjoni fuq l-ewwel (1) eccezzjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi din is-sentenza ta' natura preliminari hi ristretta ghall-(1) eccezzjoni kif proposta.

Illi, dwar l-istess eccezzjoni mill-provi dwar il-f<u>atti konnessi mal-istess eccezzjoni</u> rrizulta li l-konvenut, f'Malta hu l-Konslu Onorarju tal-Indja u din il-kawza hu rregistrata mill-<u>Konvenzjoni ta' Vienna tal-1963</u>. Dwar l-istess kawza

Dottor Margot Bajada (fol 19 u fol 20 kif ukoll fol 22 u fol 71) din spjegat illi l-konvenut "... hawn Malta dan ghandu immunita'" cjoe' "... Konslu Onorarju jkun ezenti mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-pajjiz fejn ikun konslu in konnessjoni pero' ma atti li jkunu saru fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghhom bhala Konsli Onorarji". Dwar il kaz in desami l-konvenut kien gie approvat mill-awtorita' Maltija fil-kawza msemmija matul Marzu 2005 waqt li matul Awwissu 2005, l-"letter of appointment" giet iffirmata mill-President ta' Malta u l-"ex equatur" inhareg mill-President ta' Malta u l-Ministru responsabbli matul Novembru 2005. Kif jidher a fol 57 markata Dok A, hemm dikjarazzjoni ffirmata mill-"Acting Director Protocol and Consular Services" tal-ministeru nvolut minn fejn jirrizulta li l-konvenut jgawdi minn immunita' hawn Malta in konnessjoni ma' applikazzjonijiet ghal visa in rigward zjarat fl-Indja.

**Ikkunsidrat**

Illi kif jidher mir-rikors promotur il-bazi ta' din l-azzjoni ghad-danni ha ddur kontra l-konvenut hi dewmien fil-hrug ta' visa mitluba mill-atturi. Ghalhekk jidher car illi l-konvenut igawdi minn immunita' mill-guridizzjoni quddiem il-Qrati Maltin u ghalhekk din il-kawza ma tistax tisokta ulterjorament. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. Dwar l-ispejjez dawn ghandhom jithallsu mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------